**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 ta' Lulju, 2019**

**Talba Nru: 118/2019PM1**

**Anthony Tanti (KI 772755(M))**

**Vs**

**Nickolai Tabone (KI 196998(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Mejju, 2019 permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u mitejn euro (€1200) rapprezentanti "*numru ta' citazzjonijiet u multi li gew imposti fuq il-vettura tal-ghamla KIA numru ta' registrazzjoni AAJ636 waqt li kienet fil-pussess tal-intimat pero` registrata fuq isem ir-rikorrenti u kif uoll spejjez u drittijiet gudizjarji u extragudizzjarji inkorsi dwar l-istess mir-rikorrenti, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A*

*tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-interessi legali kontra l-intimat*".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-8 ta' Lulju, 2019 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attur fis-seduta tat-8 ta' Lulju, 2019 u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-azzjoni odjerna, ossija l-15 ta' Gunju, 2019 a tenur tal-art. 1141 tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elf u mitejn euro (€1200) rapprezentanti numru ta' citazzjonijiet u multi li gew imposti fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAJ636 waqt li din kienet fil-pussess tal-konvenut pero` registrata fuq isem l-attur u kif ukoll spejjez u drittijiet gudizjarji u extragudizzjarji inkorsi dwar l-istess mill-attur, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-15 ta' Gunju, 2019 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**